**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 2**

**Il-Ġimgħa, 21 ta' Ottubru 2022**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fin-12.37 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, u Kap tal-Kamra, l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, is-Segretarju Parlamentari u Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul, il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici (Membru Sostitut).

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa 1 tad-9 ta' Mejju 2022 kienu approvati.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa esprima l-kondoljanzi għat-telfa tal-Membru Parlamentari Robert Arrigo, u ta' missier l-Onor. David Agius, li t-tnejn ġew nieqsa fit-18 ta' Ottubru 2022.

Id-Deputat Prim Ministru informa lill-kumitat illi min-naħa tal-Gvern kien inbeda proċess ta' reviżjoni tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra immexxi mill-Onor. Glenn Bedingfield. Huwa informa lill-Kumitat illi l-ħsieb tal-Gvern kien illi jitwaqqaf kumitat tekniku, li jkun fih kemm Membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, iżda li ma jkunx kumitat tal-Kamra formali, u li jirrapporta lill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

L-Onor. Robert Cutajar irrimarka li dan kien pass fid-direzzjoni t-tajba u li l-Oppożizzjoni kienet lesta tikkontribwixxi f'dan il-proċess u f'dan ir-rigward irrefera wkoll għas-seduta li tkun dedikata għal xogħol tal-Oppożizzjoni. Fuq proposta tal-Onor. Chris Fearne, il-Kumitat qabel illi sakemm ikun hemm ir-reviżjoni tal-Ordnijiet Permanenti, kellha titressaq mozzjoni ta' proċedura li tindirizza wkoll din il-materja.

## XOGĦOL TAL-KAMRA

L-Onor. Andy Ellul informa lill-Kumitat illi l-Budget 2023 kien ser jitressaq fis-seduta tat-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2022, filwaqt li r-risposta tal-Kap tal-Oppożizzjoni ssir fis-seduta tat-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2022, u r-risposta tal-Prim Ministru ssir fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2022, f'liema seduta wkoll jittieħed il-vot fuq il-mozzjoni sabiex il-Kamra tirriżolvi ruħha f'Kumitat ta' Provvista. Dawn it-tliet seduti jibdew fis-6.00 p.m. bil-mistoqsijiet isiru sas-6.30 p.m.

Huwa informa wkoll lill-Kumitat li d-dibattiti fil-Kumitat ta' Provvista kienu ser jinżammu bejn it-2 u t-23 ta' Novembru 2022, filgħodu u filgħaxija fil-ġranet li fihom normalment tiltaqa' l-Kamra. Il-Kumitat qabel li l-mozzjoni ta' proċedura li tirregola s-seduti tal-budget tkun tista' titressaq mingħajr avviż, u li bi ftehim jista' jkun hemm tibdil fl-iskeda tad-dibattiti.

## AFFARIJIET OĦRA

### Xandir tad-diskorsi konnessi mal-Budget 2023

Inkonnessjoni mal-ewwel tliet seduti li għandhom x'jaqsmu mal-Budget 2023, il-Kumitat qabel li bħal fis-snin li għaddew għandhom isiru dawn l-arranġamenti:

1. fis-seduta li fiha jinqara l-Budget 2023, kif ukoll fis-seduti allokati għall-interventi tal-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Prim Ministru, il-biljetti għall-Istrangers Gallery għandhom jitqassmu 50 biljett għal kull naħa;
2. fis-sala tal-Parlament, b'żieda mal-cameras fissi tal-Parlament, għandu jkun hemm il-cameras tal-PBS u li l-istess PBS jagħti clean feed lil kull stazzjon televiżiv li jkun jixtieq ixandar dawn is-seduti;
3. il-PBS għandu jagħti clean feed lil kull service provider li jkun jixtieq ixandar dawn is-seduti online;
4. għandhom isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex waqt it-trażmissjonijiet imsemmija, ikun hemm servizz għal persuni neqsin mis-smigħ; u
5. fil-bidu tas-seduti msemmija aktar 'il fuq, fotografi u cameramen jitħallew jidħlu għall-ewwel ftit minuti, kemm fil-parti tal-Kamra ħdejn is-sedja kif ukoll fl-area riżervata għall-media fit-tieni sular.

Il-Kumitat qabel ukoll illi l-Ispeaker għandu jikkomunika mal-PBS sabiex fejn jidħlu r-reaction shots:

1. ikun hemm tqassim ekwu kemm f'dik li hi alternanza kif ukoll fit-tul ta' ħin; u
2. li tali shots ma jkunux close-ups fuq xi Membru partikolari iżda jkunu jinkludu Membri oħrajn li jkunu wara l-Membru partikolari.

### Ħatra ta' Skrivan tal-Kamra

L-Iskrivan tal-Kamra, is-Sur Raymond Scicluna, irtira mill-kamra tal-kumitat sabiex tiġi diskussa l-ħatra tal-pożizzjoni ta' Skrivan tal-Kamra.

L-Ispeaker ippropona illi b'segwitu għall-qbil milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra fil-laqgħa 38 tas-27 ta' Settembru 2021 fit-Tlettax-il Leġiżlatura, it-terminu tal-Iskrivan tal-Kamra jiġġedded għal perjodu ta' sena oħra.

Iż-żewġ naħat qablu ma' din il-proposta u esprimew ir-ringrazzjament u l-apprezzament tagħhom għall-ħidma tas-Sur Scicluna.

Is-Sur Raymond Scicluna ġie mitlub jerġa jidħol fil-kamra tal-kumitat u ġie informat bid-deċiżjoni tal-Onorevoli Membri.

**Estimi tal-Uffiċċju tal-Ombudman u tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

L-Ispeaker informa illi fl-ewwel seduta wara l-waqfa tas-sajf huwa kien qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Ombudsplan 2023 u l-Estimi għall-2023 tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Huwa żied li minbarra l-estimi għall-2023, iridu jiġu diskussi u approvati l-estimi taż-żewġ Uffiċjali tal-Parlament għall-2022, u ssuġġerixxa li l-Kumitat jikkunsidra l-estimi tas-sentejn f'laqgħa waħda kull wieħed.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ssuġġerixxa li dawn jiġu diskussi fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2022.

**Kondoljanzi**

Il-Kumitat qabel illi l-kondoljanzi fil-Kamra wara l-mewt tal-Membru Parlamentari Robert Arrigo isiru fis-seduta tat-Tlieta, 25 ta' Ottubru 2022, u ta' missier id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius isiru fis-seduta tal-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2022.

**Gender Audit tal-Parlament**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi wara li ġie konkluż l-ewwel gender audit tal-Parlament min-naħa tal-Office for Democratic Institutions and Human Rights (ODIHR) u li huwa kien qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2022, fil-11 ta' Ottubru 2022 huwa kellu laqgħa mal-Kummissarju għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-possibilità illi jkun il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali li jimplimenta, kif applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport, u dan bil-għajnuna tal-Kumissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza.

Il-Kumitat qabel illi dan ir-rapport jiġi mgħoddi lill-Kumitat Permanenti għall-Affaijiet Soċjali.

**Fondazzjoni Parlament ta' Malta – Deposit only card**

L-Ispeaker talab lill-Kumitat, fil-funzjoni ta' Bord tal-Amministraturi tal-Fondazzjoni Parlament ta' Malta, jekk kienx hemm qbil li sabiex ikun faċilitat id-depożitu tal-penali mħallsa minn Membri għal assenzi mhux ġustifikati, tinħareġ deposit only card mill-Bank of Valletta.

Il-Kumitat qabel li tinħareġ deposit only card kif propost mill-Ispeaker.

**Childcare centre tal-Parlament**

L-Onor. Robert Cutajar staqsa fiex kien wasal ix-xogħol fuq il-faċilitajiet ta' childcare għall-Parlament. L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien infurmat mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni li x-xogħlijiet ġewwa Beltissebħ kienu għadhom għaddejin u meta dawn ikunu fi stadju aktar avvanzat tista' tiġi organizzata żjara fuq il-post.

**Stqarrija Ministerjali mill-Prim Ministru**

L-Onor. Robert Cutajar staqsa meta hu maħsub li l-Prim Ministru jagħmel stqarrija fil-Kamra dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fis-Summit tal-Ministri li kien inżamm ftit ġranet qabel, u żied illi għandu jkun hemm avviż minn qabel meta tkun ser issir.

L-Onor. Andy Ellul qal illi kien ser jgħaddilu l-informazzjoni aktar 'il quddiem.

Fis-1.06 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li kellha tkun ikkomunikata aktar tard.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**